# Xbihat tal-Appostlu Sant'Andrija fl-Imqabba

Dun Jonathan Farrugia

Fl-Imqabba ma nsibu l-ebda altar jew pittura ta' Sant'Andrija. Lanqas ma nsibu statwi fil-knisja jew inkella fit-toroq li jfakkru lil dan il-qaddis. Waħda mir-raġunijiet tista' tkun li Sant'Andrija huwa aktar assoċċjat mas-sajjieda, u peress li bħala raħal l-Imqabba ma jmissx mal-baħar kien diffiċli li l-Imqabbin jirrikorru lejh fil-bżonnijiet tagħhom. Insibu iżda xbieha tiegħu fost l-armar ta' barra tal-festa titulari tal-Imqabba, kif ukoll xhieda ta' statwa li m'għadhiex teżisti.

## L-istatwa ta' Sant'Andrija li kien hemm maz-zuntier

L-Imqabba saret parroċċa awtonoma minn Bir Miftuħ fil-15 ta' Settembru 1598. Il-knisja parrokkjali preżenti ddedikata lil Marija Mtellgħa s-Sema spiċċat tinbena fl-1699. Mhux magħruf jekk iz-zuntier inbeniex dak iż-żmien ukoll. Illum il-ġurnata z-zuntier għandu madwaru 4 statwi tal-ġebel: San Ġwann Battista, Is-Salvatur, l-Immakulata u San Rokku. Minn ritratti antiki ta' qabel il-gwerra, iżda nafu li oriġinarjament flok l-istatwa ta' San Rokku kien hemm oħra ta' Sant'Andrija. Mhux magħruf meta saret jew min għamilha.


*Il-Knisja tal-Imqabba qabel l-1898*

L-eqdem referenza li nsibu għal statwa ta' dan il-qaddis li għandha konnessjoni mal-knisja ġejja mis-sena 1836, f'rakkont miktub mill-kappillan Dun Tumas Agius Caruana.[1] Dik is-sena l-knisja tal-Imqabba ġiet mogħnija bil-vara meraviljuża ta' Marija Assunta, xogħol mill-aqwa ta' Xandru Farrugia. L-istatwa nġiebet miż-Żejtun sa l-Imqabba fuq l-ispallejn u bħala parti mid-dekorazzjonijiet tal-okkażjoni nbnew tliet arki trijonfali, wieħed f'tarf ir-raħal, wieħed f'tarf il-misraħ u l-ieħor fuq iz-zuntier. Dak ta' fuq iz-zuntier milli jidher kien enormi għax kien jinkorpora fih żewġ statwi tas-Salvatur u l-Immakulata kif ukoll tliet arki oħra li ntużtaw bħala niċeċ għal tliet statwi: San Ġwann Battista, Sant'Andrija u San Rokku.[2] Il-bennej ta' dawn l-arki kien Dun Bernard Xiberras, saċerdot mill-Imqabba u li kien wieħed mill-prokuraturi tal-vara titulari. Ma nafux jekk dawn l-istatwi kienux tal-kartapesta jew tal-ġebel. L-għażla tal-persunaġġi mhux magħruf tifssirx xi ħaġa. Forsi San Ġwann Battista u Sant'Andrija ddaħħlu bħala l-Prekursur ta' Kristu u l-ewwel Appostlu tiegħu.



*Il-konsagrazzjoni ta' diversi altari fl-1912*

San Rokku forsi daħal minħabba d-devozzjoni qawwija li kien igawdi kullimkien bħala l-protettur kontra l-pesta.

Ladarba l-arki kien fihom l-istatwi jfisser li maz-zuntier dak iż-żmien ma kienx hemm. Mir-ritratti tal-misraħ qabel il-gwerra nafu li maz-zuntier kien hemm l-erba' istatwi li semmejna waqt li ftit 'il mill-knisja, fejn illum hemm il-fetħa għal Triq Karmenu Ciantar kien hemm statwa ta' San Rokku. Tidher kumbinazzjoni li tpoġġew statwi li jirraffiguraw eżattament l-istess persunaġġi li kien fih l-ark ta' meta ġiet il-vara. Għalhekk probabbli li dawn huma l-istess statwi li kienu saru fl-ark, li mbagħad tpoġġew maz-zuntier u mal-pjazza biex ifakkru fl-Imqabbin fil-ġurnata speċjali meta x-xbieha tal-patruna tagħhom waslet fir-raħal tagħha.

Mir-ritratti jidher li l-istatwa ta' Sant'Andrija kienet issegwi l-ikonografija tradizzjonali tal-qaddis. L-appostlu jidher qed iħaddan is-salib tal-martirju tiegħu, imħażżem minn qaddu 'l isfel u b'sidru mikxuf. L-iskultur li għamlu ppreżentah bħala raġel xiħ għax madwar wiċċu tidher id-daqna. It-tinjiet li bil-ħniena jidhru fuq ħwejjġu jagħtuna x'nifhmu li kienet statwa relattivament artistika. Quddiemu kien hemm fanal.

B'xorti ħażina din l-istatwa nqerdet nhar id-9 ta' April 1942 meta ntefgħu tliet bombi fil-misraħ tal-Imqabba. Waħda fetħet ħofra wara l-knisja, oħra waqqgħet il-koppla u l-kappellun tal-Agunija waqt li bomba oħra farrket l-istatwa l-antika tal-Assunta li kien hemm fil-pjazza u din l-istatwa ta' Sant'Andrija li qed nitkellmu dwarha. Din l-istess bomba wkoll qatlet omm u żewġ uliedha bniet li nzertaw ma laħqux daħlu fix-xelter sakemm bdew neżlin il-bombi.

Għal xi snin jidher li l-pedestall tal-istatwa ta' Sant'Andrija baqa' vojt, tant li t-tfal kienu jixxabbtu miegħu. Lejn l-aħħar tas-snin 40 inkitbet ittra fuq gazzetta biex dan jew jitneħħa jew inkella titpoġġa fuqu l-istatwa ta' San Rokku li kienet ftit 'il hemm mill-knisja. Din l-aħħar proposta ntogħġbot u b'hekk l-istatwa ta' San Rokku sabet ruħha flok dik ta' Sant'Andrija.

## L-istatwa ta' Sant'Andrija ta' Karmnu Mallia

Ħaġa partikulari għall-Imqabba hija li fil-festa ta' Marija Assunta l-istatwi li jintramaw madwar il-pjazza jirrappreżentaw l-Appostli, mhux in-nisa bibbliċi li jipprefiguraw lill-Madonna fit-testment il-Qadim. L-istatwi tal-Appostli, flimkiem ma' dawk tal-anġli, ta' Sant'Anna u San Ġwakkin u tal-kolonna meraviljuża tal-Inkurunazzjoni saru lkoll bejn l-1920 u l-1923. L-ewwel ma saru kienu dawk ta' omm u missier il-Madonna, li nħadmu fl-1920. Il-pedestalli tal-anġli saru fl-istess sena, għalhekk probabbli li żżanżnu dik is-sena jew ta' wara. Il-kolonna żżanżnet fl-1923 u kienet l-aħħar statwa li saret. Għalhekk huwa maħsub l-appostli saru bejn l-1921 u l-1922.



*L-istatwa ta' Sant'Andrija li tintrama fl-Imqabba*

Dawn l-istatwi saru lkoll minn Karmnu Mallia, statwarju minn Ħal Qormi mlaqqam *'il-Lhudi'*, li kien alliev ta' Karlu Darmanin. Fost xogħolijiet oħra ta' dan l-istatwarju jissemmew il-vari titulari ta' Marija Addolorata f'San Pawl il-Baħar u dik ta' Santa Venera. Għall-Imqabba fl-1898 kien ħadem fil-ġebel l-istatwi tal-Fidi, tat-Tama u tal-Karità għal fuq il-frontispizju tal-knisja.

L-istatwi tal-appostli kienu ġew imfaħħra meta saru, u lkoll kienu swew £18.[3] Il-pedestalli ta' dawn l-istatwi saru mill-Imqabbin Ġanni Ghigo, Ċensu Psaila u ħuh Ġużeppi. L-injam li ntuża għalihom kien minn tal-kaxxi tal-fajjenza u minn twavel ħoxnin. L-iskultura ta' fuqhom saret minn raġel jismu Piju li kien mill-Kalkara, waqt li d-dekorazzjoni għamilha raġel minn Ħ'Attard jismu Karmnu.

Fl-imgħoddi Sant'Andrija kien jintrama' mal-ħajt tal-każin tas-Soċjetà Santa Marija, eżattament biswit il-kolonna tal-inkurunazzjoni. Mill-2005 'il hawn, peress li sar xi bdil fil-pożizzjoni tal-armar minħabba l-planċier tal-banda, din l-istatwa bdiet tiġi armata maz-zuntier tal-knisja, in-naħa tal-kappellun tar-Rużarju.

L-istatwa hija sempliċi, imma sabiħa. Il-qaddis jidher liebes mant aħmar minn qaddu 'l isfel, b'tarf fuq spallejh, iħaddan is-salib waqt li ħarstu hi merfugħa lejn is-sema. Għal xi raġuni Mallia ma għamlux jidher xiħ, imma jidher qisu raġel dieħel fil-mezz-età. Xi snin ilu sar restawr fuq din l-istatwa flimkien mal-istatwi l-oħra, sabiex tkun tista' tibqa' tiġi gawduta għal aktar snin meta tintrama' fil-pjazza fil-festa ewlenija tal-Imqabba.


Referenzi

1 Agius Caruana Tumas, *Notizie appartenenti a cotesta S. Parrochiale Chiesa* Arkivju parrokkjali (Mqabba) manuskritt f.21 *Ad futuram rei memoriam*

2 Ibid.

3 Carmen Lia, *Ġrajjiet is-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V fl-istorja tal-Imqabba*, Malta 1997, 69.